

22001D0124

24.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 22/1

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 124/2001**

**tat-23 Novembru 2001**

**li temenda l-Anness I (Materi veterinarji u fitosanitarji) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2001 tas-26 ta' Ottubru 2001 (¹).
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/111/KE tal-21 ta' Diċembru 1999 li tinnomuma bank ġdid ta' l-antiġeni u tagħmel dispożizzjonijiet għat-trasferiment u l-ħażna ta' l-antiġeni ġewwa l-qafas ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda t-tilqim kontra l-marda tal-Isien u d-dwiefer (²) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/112/KE ta' l-14 ta' Jannar 2000 li tiddettalja d-distribuzzjoni bejn il-banek tar-riservi ta' l-antiġeni stabbiliti ġewwa l-qafas ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tat-tilqim kontra l-marda tal-Isien u d-dwiefer u li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 93/590/KE u 97/348/KE (³) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li tinnomina istitut spċificu responsabili li jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa sabiex jiġu standardizzati ġerti testijiet seroloġiċi għalbiex jim-monitorjaw l-effikaċċja tat-tilqim kontra r-rabbja (⁴) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Din id-Deċiżjoni ma tridx tapplika għall-Islanda u l-Liechtenstein,

(¹) ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 6.

(²) ĠU L 33, tat- 8.2.2000, p. 19.

(³) ĠU L 33, tat-8.2.2000, p. 21.

(⁴) ĠU L 79, tat-30.3.2000, p. 40.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Parti 3.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 11 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/502/KE):
  - “12. **32000 D 0111:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/111/KE tal-21 ta' Diċembru 1999 li tinnomina muma bank ġdid ta' l-antiġeni u li tagħmel dispożizzjonijiet għat-trasferiment u l-ħażna ta' l-antiġeni ġewwa l-qafas ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tat-tilqim kontra l-marda tal-Isien u d-dwiefer (ĠU L 33, tat-8.2.2000, p. 19)."
  13. **32000 D 0112:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/112/KE ta' l-14 ta' Jannar 2000 li tiddettalha d-distribuzzjoni bejn il-banek tar-riservi ta' l-antiġeni stabbiliti ġewwa l-qafas ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tat-tilqim kontra l-marda tal-Isien u d-dwiefer u li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 93/590/KE u 97/348/KE (ĠU L 33, tat-8.2.2000, p. 21).”
2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 9 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/156/KE):
  - “— **32000 D 0112:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/112/KE ta' l-14 ta' Jannar 2000 (ĠU L 33, tat-8.2.2000, p. 21).”

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 53 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/171/KE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim:

- “54. **32000 D 0258:** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li tinnomina istitut spċifiku responsabbi li jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa sabiex jiġu standardizzati ċerti testijiet seroloġiċi għalbiex jimmonitorjaw l-effikaċċja tat-tilqim kontra r-rabbja (ĠU L 79, tat-30.2.2000, p. 40).”

*Artikolu 3*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2000/111/KE, 2000/112/KE u 2000/258/KE fl-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-24 ta' Novembru 2001, sakemm in-notifikasi kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmulu lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmulu fi Brussel, fit-23 ta' Novembru 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BULL

---

(\*) Edba ġtiġiet kostituzzjonali indikati.